**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 13**
**Appell Nru: 91/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Pierre Calleja, u**
**Spettur David Gatt )**

**Vs**

**LOUIS SIVE GREZZJU SIVE HORACE CASSAR**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Louis sive Grezzju sive Horace Cassar talli :

a) Fil-Belt, Valletta, fl-14 ta'April, 1999, f'xi hin filghodu, ikkommetta serq ta'vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAM 848 ta'l-ghamla Mini Minor, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta'Joe Saliba u Mario Abela ;
b) Fl-istess data, f'xi hin filghodu, f'Ta' Qali, ikkommetta serq ta'basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta'Barbra Whetter, turista

anzjana ta'71 sena, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, u li sar ghad-detriment ta' l-istess Barbra Whetter ;

c) Ikkometta reat li ghalih hemm piena ta'prigunerija fil-perijodu operattiv ta'sewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 2 ta'Ottubru, 1996, u 3 ta'Lulju, 1998, rispettivament ;

d) Sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali, b'sentenzi tal-Qorti diversament presjeduti, datati 19 ta'Lulju, 1979, 13 ta' Novembru, 1980, 26 ta'Jannar, 1981, u l-4 ta'Frar, 1994, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza moghtija fis-27 t'April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li biha filwaqt li ma sabetx lill-Louis sive Grezzju sive Horace Cassar hati fuq t-tieni akkuza dedotta kontrih u lliberatu minnha, sabitu hati fuq il-bqija ta' l-akkuzi w kkundannatu fuqhom ghall-sentejn prigunerija, kif ukoll ordnat illi z-zewg sentenzi sospizi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta'Ottubru, 1996, u dik tat-3 ta'Lulju, 1998, ghandhom jibdew isehhu.

Rat ir-rikors t'appell ta' Louis sive Grezzju sive Horace Cassar datat 8 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, (**2**) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn gie misjub hati biex b'hekk jigi liberat minn kull akkuza, u (**3**) f'kaz li dan l-appell tieghu ma jigix milqugh, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar adatta ghac-cirkostanzi attwali tieghu.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lill-Father Alex Cordina bil-gurament.

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant, u dan skond l-**ewwel aggravju** tieghu, mill-provi li hemm f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih fl-ewwel akkuza. Ghalhekk din hi kollha kemm hi kwistjoni ta'apprezzament tal-provi.

Fl-ewwel lok, sabiex isahhah dan l-ilment tieghu, l-appellant jghid li l-unika prova li hemm, u li in bazi taghha l-ewwel Qorti sabitu hati ta' l-ewwel akkuza, kienet dak li qal l-Ispettur Raymond Vella Gregory. Barra minn hekk, jghid li l-prova li saret permezz ta' dan l-Ispettur hija wahda purament cirkostanzjali w xejn aktar. Hu jghid li prova cirkostanzjali wahda w wahedha mhiex sufficcjenti sabiex Qorti tasal biex issib htija in bazi ta' dik il-prova biss, jekk ma jkunx hemm provi cirkostanzjali ohra li flimkien maghha b'mod univoku w konkordanti jippuntaw ghall-istess fatt jew cirkostanza.

Issa, apparti il-fatt jekk prova cirkostanzjali wahda w wahedha hiex legalment bizzejjed biex in bazi taghha tinstab htija, minn ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti, hi ma taqbel xejn ma' dan li qed jghid l-appellant, fis-sens li, skond hu, il-prova mressqa permezz ta' l-Ispettur Vella Gregory hija wahda cirkostanzjali biss. Anzi, kuntrarjament ghal dak li qed jghid l-appellant, din il-prova permezz ta' dan ix-xhud hija wahda **diretta**, dan ghaliex l-Ispettur Vella Gregory xehed li fil-gurnata in kwistjoni hu personalment kien ra lill-appellant diehel fil-Mini Minor, numru tar-registrazzjoni LAM 848, li kienet ipparkjatha fi-Belt, Valletta, ghal habta tal-11.00 a.m. Ma hemm xejn cirkostanzjali f'dan il-fatt. Hija xhieda li toffri prova diretta ta'fatt, u ghalhekk, il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-abbli avukat difensur ta' l-appellant qed jghid li din hi prova indizzjarja biss.

L-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha ta' din il-prova offruta minn dan l-Ispettur, flimkien mal-provi kollha li tressqu, u dehrilha li tali prova waslitha sal-grad tal-konvinciment morali li kien tassew l-appellant li kien ippussessa ruhu mill-imsemmija vettura skond kif hemm fl-ewwel akkuza. Ma hemm xejn kontradittorju, irregolari jew manifestament hazin f'dan l-apprezzament li sar

mill-ewwel Qorti. Hi kellha kull dritt li tistrieh esklusivament fuq dan ix-xhud biss jekk dak ix-xhud ikkonvinciha sal-grad tal-konvinciment morali ghar-rigward ta’ dak li qal dwar dan il-fatt. Dan hu l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti. U din il-Qorti taqbel bis-shih ma’ dan.

Ghalhekk fuq dan l-ilment ta’ l-appellant li l-ewwel Qorti sabitu hati in bazi ta’ din il-prova indizzjarja biss huwa ghall-kollox infondat u qed jigi respint mill-Qorti.

Fit-tieni lok, dejjem b’riferenza ghall-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta mill-fatt li, skond hu, l-ewwel Qorti warrbet id-difiza tieghu ta’ l-alibi. Anke hawnhekk din hi kwistjoni kompletament ta’ apprezzament tal-provi. Fil-fehma ta’ l-ewwel Qorti, li wara kollox kellha l-vantagg kollu li tifli sewwa x-xhieda u tanalizzahom ghal dik li hi l-kredibilita’ taghhom, dehrilha li f’din il-linja difensjonali tieghu, l-appellant (allura imputat) ma kienx wasal jikkonvinciha mqarr sal-grad tal-probabbli.

Anke hawnhekk, mill-apprezzament tal-provi li sar minn din il-Qorti ta’Revizjoni, hi ma ssib ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha twarrab id-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti w tirrimpjazzaha b’taghha. Din mhiex il-funzjoni ta’ din il-Qorti, u hu tassew rarament li tasal sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha fl-apprezzament tal-provi ghal dak ta’ l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss jekk jirrizultalha li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament tal-provi manifestament hazin b’konkluzzjonijiet daqstant zbaljati, jew interpretat xi punt ta’ligi erroneament. Certament fil-kaz prezenti, din il-Qorti ma ssib xejn minn dan. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti twarrab dak li qalghet l-ewwel Qorti meta dehrilha li ma kellhiex tilqa’ l-linja difensjonali ta’ l-alibi.

In vista ta’ dan li ntqal, ghalhekk, l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa respint.

Subordinatment, l-appellant jitlob li jekk din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta’htija, ikun hemm bdil fil-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti l-ghaliex hu issa qed isegwi programm residenzjali sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga w dan qed jaghmlu b’success. Fi ftit kliem, hu qed jappella ghall-klemenza ta’ din il-Qorti

w jitlobha sabiex tara li ma jitlifx din l-opportunita' biex jirreintegra ruhu sewwa u b'mod tajjeb fis-socjeta'.

Issa huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali refrattarja hafna w hija fost dawk li ftit tara bhalha. Hu gja' wehel multi, habs, pieni karcerarji sospizi, u anke kien hemm okkazzjonijiet fejn il-Qrati applikaw fil-konfront tieghu l-Artikolu 9 tal-Kap. 152. Ma hemm ebda dubju li l-fedina penali ta' l-appellant turi li hu nghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu li ma swew propju ghalxejn.

Pero', b'dana kollu, kif kellha okkazjoni tghid din l-istess Qorti, diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali 245/2000, fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- George Farrugia', deciz 18 ta'Jannar, 2001, sitwazzjoni bhala din ma tista' qatt tissejjah bhala 'irriversibbli'. Kif esprimiet din il-Qorti f'dawk il-proceduri, *Ordni ta'Probation* mhux indikat biss ghal dawk li jissejjhu 'first time offenders', jew li ghadhom ta' eta' zghira. Anke fil-kaz ta'persuna ta' eta' mhux zghira w li forsi huwa wkoll recidiv, u illum l-appellant ghandu 39 sena w hu, fil-fatt recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta'kundanni w ta'prigunerija.

Fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979), l-awtur David Thomas jghid hekk : " *The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited....As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote*. "

Aktar tard, dan l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-*Ordni ta'Probation* : "*The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of*

*offenders.......probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character*."

Issa wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza tal-11 ta'Settembru, 2001, dak li xehed bil-gurament Father Alex Cordina tal-Caritas, hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm tama jew possibilita' li l-appellant Louis sive Grezzju sive Horace Cassar sa fl-ahhar qieghed ibiddel hajtu. Din il-Qorti, ghalhekk, hi preparata li tiehu r-riskju li tpoggi lill-appellant taht is-supervizjoni ta' Ufficcjal tal-Probation. Ovvjament, l-appellant huwa mwissi li jekk hu jikser il-kundizzjonijiet li timponi fuqu l-Qorti fl-Ordni ta'Probation, jew jikkommetti xi reat iehor, ikun xi jkun, fil-perijodu tal-probation, m'ghandhux wara jippretendi li jsib hajt ta'kenn quddiem il-Qrati Maltin. Il-Qorti temmen li f'cirkostanzi fejn l-appellant gja' ilu hames xhur isegwi b'success u diterminazzjoni programm residenzjali taht il-Caritas li ghandu jwassal ghall-riabilitazzjoni shiha tieghu kontra l-vizzju tad-droga, u jidher li, fil-fehma ta'Father Cordina, hemm indikazzjonijiet cari hafna li sejjer jirnexxielu jaghmel hekk b'mod pozittiv hafna, allura hu jisthoqqlu jinghata din l-opportunita', li tista' tkun l-ahhar wahda li qed tinghatalu, biex jkompli fit-triq it-tajba li issa jidher li qabad u qed iwettaq b'success, u li jkompli jiehu l-kura kollha necessarja kontra l-vizzju tad-droga sabiex jitfejjaq kompletament minn dak il-vizzju. Hu car li l-appellant fehem sewwa l-konsegwenzi ta'eghmilu u ta' dak kollu li kien ghadda minnu fil-passat fil-hajja kriminali li tant kien mgharraq fiha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, sabiex l-appellant ma jitlifx dak kollu li lahaq ghamel sa issa w jkompli fit-triq it-tajba, din il-Qorti sejra takkolji t-talba tieghu sabiex tbiddel il-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti. Ghalhekk, il-Qorti qed tiddisponi minn dan l-appell ta'Louis sive Grezzju sive Horace Cassar billi (**1**) tikkonferma l-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitux hati tat-tieni akkuza dedotta kontrih u illiberatu minnha, (**2**) tichdu fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata fil-parti fejn sabitu hati, u ghalhekk qed tikkonfermaha anke f'dik il-parti, (**3**) tilqa' t-talba tieghu ghar-riforma jew bdil tas-sentenza appellata fil-parti tal-piena, u ghalhekk, minflok il-piena imposta fuqu mill-ewwel Qorti, inkluza l-ordni taghha li z-zewg sentenzi ta'piena karcerarja sospiza jibdew isehhu, in sostituzzjoni ta' l-istess, qed taghmel *Ordni ta'Probation* taht l-

Artikolu 5 tal-Kap. 152 fil-konfront ta' l-appellant, li qed jigi anness ma' din is-sentenza, u tpoggih tahtu { u dan wara li l-Qorti ghamlet dak li hu mehtieg skond is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 }.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Ufficcjal tal-Probation nominat fl-Ordni ta'Probation annessa ma' din is-sentenza.

Aldo Testone
Deputat Registratur

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA , B.A., LL.D., M. JURIS (EUR LAW)**

**ORDNI TA' PROBATION (ARTIKOLU 5 - KAP. 152)**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Billi **Louis sive Grezzju sive Horace Cassar** (hawn taht imsejjah "probationer") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali tas-27 t'April, 2001, fl-ismijiet "*Il-Pulizija –vs- Louis sive Grezzju sive Horace Cassar* ", kif modifikata b'sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti fl-ismijiet "*Il-Pulizija –vs- Louis sive Grezzju sive Horace Cassar, Appell Kriminali 91/2001*" ;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-*Ordni ta'Probation* ;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta'dan l-*Ordni ta'Probation* lill-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar, inkluzi l-htigijiet mizjuda skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152, u nnutat li l-istess imsemmi Probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni ;

**TORDNA** li l-imsemmi Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar ikun taht sorveljanza ta' l-Ufficcjal tal-Probation Mary Grace Vella ghal zmien sentejn mil-lum taht dawn il-htigijiet :

1. Illi matul il-perijodu kollu ta'probation, il-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar David ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta'bzulija, u joqghod ghad-direttivi kollha ta' l-imsemmija Ufficcjal tal-Probation, inkluzi kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex hu ma jiffrekwentax certi postijiet u/jew certi nies ;
2. Illi l-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar ghandu jzomm ruhu kontinwament f'kuntatt ma' l-Ufficcjal tal-Probation imsemmija skond id-direttivi li din tghatih minn zmien ghal zmien, u, partikolarment, hu ghandu, jekk l-Ufficcjal tal-Probation tkun trid hekk, jircievi zjarat ta' din l-Ufficcjal tal-Probation fir-residenza tieghu, u/jew fuq il-post tax-xoghol tieghu, u/jew fejn attwalment qieghed rikoverat, jew kull fejn tghid hi ;
3. Illi l-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar ghandu jgharraf minnnufih lill-Ufficcjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza u/jew xoghol tieghu, u/jew ta'fejn hu bhalissa jinsab residenti jew rikoverat ;
4. Illi l-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar ghandu jattendi programm residenzjali mal-Caritas ta'riabilitazzjoni kontra l-problema tad-droga, li fil-fatt bhalissa qieghed jattendi, sakemm itemm b'success dan il-programm residenzjali ;
5. Illi l-Probationer imsemmi jidher quddiem din il-Qorti flimkien ma' l-Ufficcjal tal-Probation Mary Grace Vella kull erba' (4) xhur, fid-data w hin li jigu komunikati lilu mill-istess Ufficcjal tal-Probation, bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-Probationer Louis sive Grezzju sive Horace Cassar u affarijiet ohra rilevanti

**TORDNA** li kopja ta' dan l-*Ordni ta'Probation* jigi minnufih kunsenjat lill-Probationer imsemmi kif ukoll lill-imsemmija Ufficcjal tal-Probation, skond is-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152.